

Regolament tas-Segretarju tal-Istat għas-Saħħa, il-Benesseri u l-Isport ta' _____, li jemenda r-Regolament dwar it-Tabakk u l-Prodotti tat-Tipjip sabiex tiġi stabbilita lista ta' addittivi pprojbiti għall-prodotti tat-tabakk u s-sigaretti elettroniċi

Is-Segretarju tal-Istat għas-Saħħa, il-Benesseri u l-Isport,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 2(1) tal-Att dwar it-Tabakk u l-Prodotti tat-Tipjip, l-Artikoli 2.3 u 2.4(1) tad-Digriet dwar it-Tabakk u l-Prodotti tat-Tipjip u l-Artikolu 7(6) tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE (ĠU 2014, L 127),

B'dan qed jordna dan li ġej:

Artikolu I

Ir-Regolament dwar it-Tabakk u l-Prodotti tat-Tipjip huwa emendat kif ġej:

A

L-Artikolu 1.1(1) huwa emendat kif ġej:

1. Id-definizzjoni tal-Anness jaqra kif ġej:

Anness 1: l-Anness 1 għar-Regolament dwar it-Tabakk u l-Prodotti tat-Tipjip;

2. It-termini u d-definizzjonijiet li ġejjin issa ddaħħlu f'ordni alfabetika:

Anness 2: l-Anness 2 għar-Regolament dwar it-Tabakk u l-Prodotti tat-Tipjip;

B

Fl-Artikolu 2.2(1)(a), "l-Anness ta' dan ir-Regolament" huwa sostitwit b'"Anness 1".

C

Jiżdied paragrafu ġdid mal-Artikolu 2.6, li jaqra:

3. Addittivi kif imsemmija fil-paragrafu 1 u l-Artikolu 7(6) tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk għandhom fi kwalunkwe każ jinkludu l-addittivi elenkati fl-Anness 2.

D

L-Artikolu 2.10 jiġi emendat kif ġej:

1. "1." hija inkluża qabel it-test.

2. Jiżdied paragrafu, li jaqra:

2. L-addittivi kif imsemmija fl-Artikolu 20(3)(c), moqrija flimkien mal-Artikolu 7(6) tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk għandhom fi kwalunkwe każ jinkludu l-addittivi elenkati fl-Anness 2.

E

Fir-rinumerazzjoni tal-paragrafi 3 u 4 għall-paragrafi 4 u 5, jiddaħħal paragrafu fl-Artikolu 2.11, li jaqra:

3. L-addittivi kif imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom fi kwalunkwe każ jinkludu l-addittivi elenkati fl-Anness 2.

F

L-intestatura tal-Anness taqra kif ġej:
Anness 1. Relatat mal-Artikolu 2.2

G

Jiżdied l-Anness 2 kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu II

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024.

Dan ir-Regolament u n-noti ta' spjegazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern.

Is-Segretarju tal-Istat għas-Saħħa,
il-Benesseri u l-Ispport,